# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn**
**Tlettax (13) ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru 305/16 FDP**

Fl-ismijiet

**John u Agnes konjugi Borg**
**(ID 598257M u 220160M)**

**Vs**

**Welcome Auto Dealer Ltd (C 64346) u Clint La Rosa (ID 538587M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta' April 2016, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu is-segwenti:

> 1. *Illi r-rikorrent kien ftiehem ma' l-intimat Clint La Rosa sabiex dan iġiblu vettura tat-tip Mustang tas-sena 1965 mill-Amerika. Fil-fatt il-konvenut kien informa lir-rikorrent li kien hemm vettura disponibbli skont dokumentazzjoni li l-konvenut kellu f'idejh u ftehmu fuq dik il-vettura verzu l-prezz ta' €21,000, li minnhom ir-rikorrent ħallas €16,000 akkont tal-istess.*
>
> 2. *Illi sussegwentement l-intimat mar l-Amerka pero' peress illi sab li dik il-vettura kienet inbiegħet, informa lir-rikorrent li kien sab vettura oħra ta' l-istess mudell u specifications u ta' l-istess kundizzjoni.*

3. *Illi l-intimat assigura lir-rikorrenti li din it-tieni vettura kienet kundizzjoni tajba daqs l-ewwel vettura.*

4. *Illi sussegwentement irriżulta li din il-vettura, meta waslet Malta, kienet fil-fatt ta' kundizzjoni diżastruża u ċertament mhux tal-istess livell daqs l-ewwel vettura li ftehmu fuqha.*

5. *Illi minħabba f'dan r-rikorrenti daħal fi spejjeż ulterjuri ta' €120 surveyor. Kopja tar-rapport tas-surveyor huwa anness u mmarkat bħala Dok A.*

6. *Illi għalhekk il-vettura odjerna ma kenitx tal-kwalita' pattwita skond l-artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. *Illi l-intimati ġew interpellati diversi drabi biex jieħdu l-vettura lura u jirrifondu l-prezz u jħallsu d-danni iżda baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i) Tiddikjara illi vettura de quo Agitur tat-tip Mustang tal-1965 (Warranty Number 5R07T208875) mibjugħa lir-rikorrent mhijiex waħda tal-kwalita' pattwita u għalhekk hemm lok li tintalab ir-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ de quo u r-rifużjoni tal-prezz kollu mħallas.*

*ii) Tirrixendi l-bejgħ tal-vettura tat-tip Mustang mibjugħa lir-rikorrenti.*

*iii) Tordna lill-intimati jew min minnhom jirrifondu lura lir-rikorrenti l-prezz sittax il-elf Ewro (€16,000).*

*iv) Tiddikjara illi a kawża ta' l-aġir ta' l-intimati jew min minnhom kif fuq ingħad, ir-rikorrenti sofrew danni konsistenti fost affarijiet oħra ta' spejjeż inkorsi għar-rapport tas-surveyor.*

*v) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti.*

*vi) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjjeż inkluż l-ispejjeż taċ-ċedola li ġiet presentata kontestwalment u tal-konsinjatarja li qiegħed iżomm il-vettura odjerna pendenti dawn il-proċeduri, u l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi li ġie preżentat kontestwalment, bl-imgħax u l-intimat inġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fl-4 ta' Mejju 2016, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

   1. *Illi preliminarjament l-esponenti Welcome Auto Dealer Ltd. C 64346 m'għanda ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u dan billi, inter alia, qatt ma kienet konrajenti, bil-kontra ta' dak allegat. Dan kif jirriżulta kemm mid-dokumenti eżebiti mir-rikorrenti kif ukoll mill-fatt li fis-7 ta' April 2016 ġiet intavolata kawża fl-ismijiet Clint La Rosa vs. John Borg 125/16/AM fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar appuntata għas-27 ta' Mejju 2016 abbażi tal-fatt li wara Clint La Rosa ittrasferixxa l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri kien għad fadal bilanċ x'jitħallas. Din l-azzjoni ma tressqetx minn Welcome Auto Dealer Ltd. C 64346;*

   2. *Illi fil-fatt Welcome Auto Dealer Ltd. C 64346 m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti John Borg et. tant li anke' l-istess John Borg ma kienx konvint minn dan u ppreżenta l-kawża tiegħu kontra żewġ persuni sabiex min minnhom jiġi ddikjarat responsabbli iħallas l-ammont mitlub;*

   *Għar-rigward Clint La Rosa ID 538587(M) u bla preġudizziu għal dak fuq espost Welcome Auto Dealer Ltd. C 64346*

   3. *Illi nhar il-Ħamis 7 ta' April 2016 ġiet intavolata kawża fl-ismijiet Clint La Rosa vs. John Borg 125/16/AM fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar appuntata għas-27 ta' Mejju 2016 abbażi tal-fatt li Clint La Rosa ttrasferixxa l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri kien għad fadal bilanċ x'jitħallas. F'din il-kawża ser tinstema' l-mertu ta' din il-kawża;*

   4. *Illi bil-kontra ta' dak li qed jingħad fir-rikors promutur il-vettura hija fil-fatt tal-kwalita' pattwita u dan kif jirriżulta ictu oculi mir-rikors ġuramentat u b'hekk m'hemmx ħtieġa li jiġi mħassar il-bejgħ;*

   5. *Illi fil-fatt din il-vettura ġiet misjuba fuq sit elettroniku mir-rikorrent u ibnu stess tant li kienu qalu lill-intimat La Rosa biha u talbuh biex minn fejn kien f'San Francisco (fejn mar jara l-ewwel vettura li kienet laħqet ġiet mibjugħa) jitlaq lejn Las Vegas fejn kienu sabu din il-vettura ta' l-istess għamla. Kienu fil-fatt bagħtu filmat li sabu fuq is-sit elettroniku lill-intimat kif ser jidher waqt it-trattazzioni tal-kawża; illi għalhekk dan jagħmlu untratt sine qua non mhux bejgħ. Għalhekk l-azzjoni attriċi hija nproponibbli. Dan bla preġudizzju.*

   6. *Illi di piu m'hemmx danni li għandhom jiġi/u kkundannati l-intimati jħallsu u dan billi l-intimat dejjem aġixxa bl-aħjar mod possibbli u*

*segwa diliġenza stretta f'dan il-bejgħ u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

7. *Illi l-esponent jiddikjara li, apparti li l-bejgħ ġie konkluż, hu ttrasferixxa din il-vettura lir-rikorrent John Borg, li aċċettaha, tant li tah il-pussess tagħha f'Jannar 2016 li għadda u sallum din għada għandu;*

8. *Illi fuq kollox it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u bla preġudizzju għal dak fuq eċċepit iridu r-rikorrenti jġibu prova ta' dak allegat, inter alia, prova tad-*danni u l-quantum tiegħu;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi.*

3. Rat illi fit-15 ta' Ġunju 2016 il-kawża tħalliet għall-provi.

**Provi**

4. Rat l-affidavit ta' **John Borg** ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2016 (fol 39) flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppreżentata.

5. Rat l-affidavit ta' **Christian Borg** ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2016 (fol 49).

6. Rat l-affidavit ta' **Agnes Borg** ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2016 (fol 53).

7. Rat ix-xhieda ta' **Emanuel Felice**, surveyor imqabbad mir-rikorrenti, mogħtija fis-7 ta' Diċembru 2016 (fol 61), flimkien mad-dokumentazzjoni minnu eżebita, inkluż is-Survey Report minnu redatt u datat 29 ta' Frar 2016 (fol 64).

8. Rat is-**Survey Report** redatt minn Emmanuel Felice, fejn għamel is-segwenti osservazzjonijet:

*I was requested by John Borg ID: 598257M residing at 21, Triq Għajn Zejtuna, Mellieħa to inspect and report the current state of a vehicle that was imported from the United States as a classic vehicle.*

*After a full intensive inspection on the 27th February 2016 on this vehicle, it is to be noted that this vehicle was imported as a Mustang model 1965 earlier this year to Malta.*

*From the results of my inspection regarding the condition and state of this vehicle some issues regarding roadworthy classification are to be considered as a non-roadworthy class due to some defects found in the structure and electrical system of this same vehicle. In my inspection*

*resulted that both front and rear chassis legs members were involved in a possible severe accident collision especially on the rear that is very easy evidently seen that they are creased and crumbled, on the other hand regarding the repairs after the accident on these members were not performed in a safe and up to standard manner. I also noticed that the front chassis leg members next to the lower arms of the front wheels were cracked in a critical unsafe roadworthy condition. I also noticed that on this vehicle a V8 engine was fitted and as a 1965 Mustang with as per manufacturers fitments when it was bought as new the original engine comes out with a straight six cylinder engine (260ci or 289ci model) and not that of a V8 engine (possibly a302d model), that is much heavier than its original engine and this could be of a risk to the front suspension as this vehicle was designed to support a lighter engine and the previous owner was aware of this situation that he fitted a bump stop regulators in between the front suspension springs spacing and that this could be easily visible if inspected from in between the front wings and the front wheels. Even it is to be noted that this vehicle has a various long list of defects and missing trims from all over the vehicle in which it affects the depreciation of the market value of the vehicle.*

*In my opinion regarding this inspection this vehicle must go under a series number of professional repairs to be restorated and roadworthy again and that my calculation for the repairs to its original state and itself value would be approximately of over € 7000 parts and repair rates included.*

9. Rat illi fis-7 ta' Diċembru 2016 ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

10. Rat l-affidavit ta' **Clint La Rosa** ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2017 (fol 83) flimkien ma' skambju ta' korrispondenza fuq Messenger bejnu u Christian Borg (fol 87).

11. Rat il-kontro eżami ta' John Borg illi sar fit-22 ta' Marzu 2017. (fol 93)

12. Rat il-kontro eżami ta' Christian Borg illi sar fit-22 ta' Frar 2018. (fol 119)

13. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Clint La Rosa mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2018 (fol 134) kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu eżebita, ossija korrispondenza skambjata bejnu u bejn Christian Borg fuq Facebook (fol 137 sa 158).

14. Rat ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta' Christian Borg illi saret fl-10 ta' Ottubru 2018 (fol 159), u rat il-korrispondenza skambjata bejnu u bejn Clint La Rosa fuq Facebook (fol 162 sa 311).

15. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2019 dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ.

16. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' Clint La Rosa, mogħtija fit-30 ta' Jannar 2020 (fol 318), kif ukoll id-dokument, ossija USB stick bi tlett videos fih.

17. Rat it-tlett videos ippreżentati mill-intimat f'Dok CLR01 (fol 330) ossija s-segwenti:

    a. Video intitolat '*1965 Ford Mustang*', illi huwa video imtella' mid-ditta Amerikana Vegas Classic Muscle ta' minuta u ħamsin sekonda ikkreat fit-28 ta' Awissu 2016 u li instab minn iben ir-rikorrenti, Christian Borg, u li intbagħat lill-intimat Clint La Rosa, kif jidher korrispondenza permezz ta' Messenger skambjata bejn il-partijiet u eżebita mir-rikorrent (fol 141/142).

    b. Video intitolat '*video-1442520423*' miġbud mill-intimat Clint la Rosa meta mar jara l-vettura qabel ma nxtrat u li ntbgħat lil Christian Borg fis- 17 ta' Settembru fl-10.06 pm (fol 247).

    c. Video intitolat '*video-1442520396*' miġbud mill-intimat Clint la Rosa meta mar jara l-vettura qabel ma nxtrat u li ntbgħat lil Christian Borg.

18. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Christian Borg illi saret fit-30 ta' Jannar 2020 (fol 331).

19. Rat illi fis-26 ta' Frar 2020, il-Qorti ddikjarat il-ġbir tax-xhieda magħluq u ordnat illi jiġu ppreżentati sottomissjonijiet bil-miktub.

20. Rat illi fit-8 ta' Mejju 2020 il-konsulent legali tar-rikorrenti ippreżenta is-sottomissjonijiet finali tagħhom bil-miktub.

21. Rat illi fit-28 ta' Mejju 2020 il-konsulent legali ta' l-intimati ippreżenta s-sottomissjonijiet finali tagħhom.

22. Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2020 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Fatti tal-każ

23. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi t-tifel tar-rikorrenti, ossija Christian Borg, illi dak iż-żmien kellu wieħed u għoxrin sena, tħajjar jixtri karozza antika tad-ditta Ford Mustang, u għalhekk, flimkien ma' missieru, r-rikorrent John Borg, avviċinaw lill-intimat bil-għan illi jaraw kif tkun tista' tinxtara u tiġi impurtata karozza ta' dik it-tip mill-Amerika.

24. Jirriżulta illi flimkien ma' l-intimat, ur-rikorrent John Borg u ibnu Christian, raw varji karozzi minn fuq siti varji tal-internet u eventwalment, wara illi marru lura d-dar u raw waħda partikolari illi ġia' kienet ġiet identifikata, ftehmu ma' l-intimat li kellha tinxtara Ford Mustang tas-sena 1965, għall-prezz komplessiv ta' €20,000.

25. Jirriżulta illi, sussegwentement, fis-7 ta' Awissu 2015, ir-rikorrent John Borg daħal fi ftehim ma' Welcome Auto Dealer intitolat 'Deposit and Agreement Form' (fol 45), li kien jgħid li ġej:

> *This document is to verify that John Borg of Id no:598257M has paid a deposit of €10,000 Euro for the car model:*
>
> *1965 Ford Mustang as per advert Red Automatic*
>
> *Today the 7th August 2015*
>
> *Total price of the car is 20,000 Euros as agreed and payment of the total price minus the deposit, which is 10,000 Euros will be paid for upon arrival of the car.*
>
> *Seller holds responsibility that car is delivered in full working order and in good condition as stated on the advert and report. Car is sold with registration and Maltese plates registered as classic car.*
>
> *Car sold as tale quale, (as it is).*

26. Jirriżulta illi ftit wara l-ftehim, l-intimat Clint La Rosa tela' California ġewwa l-iStati Uniti tal-Amerika, sabiex jara l-vettura li ftehmu fuqha iżda, fis-16 ta' Awissu 2015, wara illi kkomunika mas-sid tal-vettura, ġie infurmat illi l-vettura kienet ġia' mibjugħa.

27. Jirriżulta illi l-intimat La Rosa għarraf lil Christian Borg b'dana l-iżvilupp dakinhar stess, kif jidher fil-korrispondenza skambjata bejniethom minn fuq Messenger fis-16 ta' Awissu 2015 fil-11.08pm (fol 198).

28. Jirriżulta illi Christian Borg, kif sar jaf b'dan, talab lill-intimat ifittex għall-oħrajn filwaqt illi għarrfu illi huwa kien qiegħed ifittex ukoll u, ftit tal-ħin wara, sab vettura ġewwa Las Vegas, mibjugħa mid-ditta Vegas Classic Muscle Cars, illi kienet indikata kif ġej fuq is-sit elettroniku CarGurus (fol 142):

> *New Arrival To Our Las Vegas Indoor Showroom! 1965 Ford Mustang, Nice Daily Driver. 302 C.t V-8 Engine. Automatic Transmisson. Power Brakes. Flowmaster Exhaust. Nice Black Interior, New Door Panels. New Trunk and Door Weatherstripping. Good Looking Chrome Wheels.*

29. Jirriżulta wkoll illi fil-korrispondenza li skambjaw bejniethom, Christian Borg qal is-segwenti lill-intimat Clint La Rosa "*Clint, mela ha namlu hekk ... Dan azilna .... Ta vagas issa meta dak mur alih ... Prova titilfux k jogbok ghax Dan vra ogobni peress Li 302*" (traskrizzjoni fidila ta' dak attwalment miktub) (fol 153).

30. Jirriżulta wkoll illi Christian Borg wkoll għadda lill-intimat videoclip illi kien jidher fuq il-web site tal-venditur, (fol 156), liema video kien ta' minuta u ħamsin sekonda, u kien juri l-vettura fid-dettall, kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa, kif ukoll juri l-magna tal-vettura taħdem – dana ġie eżebit mill-intimat a fol 330 bħala *1965 Ford Mustang.*

31. Jirriżulta illi sussegwentement l-intimat Clint la Rosa mar jara il-vettura u qal is-segwenti lil Christian Borg "*Sabiħ ... Hafna Sabiħ ... Difetti zar landu biz-zmien il-bqija bomba*" (fol 157 u 217).

32. Jirriċulta illi fil-21 ta' Awissu 2015, La Rosa għarraf lil Christian Borg illi l-vettura kienet mixtrija (fol 225), u sussegwentement l-intimat u Christian Borg bdew jiddiskutu dwar xogħolijiet illi kellhom isiru fil-vettura, fosthom suspension ta' quddiem u xi affarijiet oħra żgħar.

33. Jirriżulta illi fil-11 ta' Settembru 2015 Christian Borg staqsa lill-intimat "i*sma ikollok naqa cans ħudli video tal-magna startjata u il ħoss tal-exoust*" (fol 244), u fis-17 ta' Settembru fl-10.06 pm l-intimat bgħatlu video ta' tnax-il sekonda tal-magna taħdem, liema video ġie eżebit mill-intimat bħala *video-144252042*. (fol 247-248)

34. Jirriżulta illi sussegwentement il-vettura ġiet trasportata minn California għal Malta ġewwa container. (fol 278)

35. Jirriżulta illi fis-7 ta' Jannar 2016 (fol 283), l-intimat La Rosa għarraf lil Christian Borg illi l-container kien daqt ser jasal u fakkru s-segwenti: "*Isma sabiħ issa insies ikolli bżonn 6000 qabel ma jinfetah u lahhar 5000 wara li nifthuh nohorguwhom.*" (fol 280)

36. Jirriżulta illi fit-8 ta' Ġunju 2016, ir-rikorrent John Borg mar flimkien ma' ibnu għand l-intimat u, filwaqt li għaddhielu €6,000 oħra kif mitlub, iffirma s-segwenti dokument: (fol 46)

    *This document is to verify that John Borg of Id no:598257m has paid a deposit of €16,000 Euro for the car model:*

    *1965 Ford Mustang Red Las Vegas Car*

    *Today the 8th January 2016*

    *Total price of the car is 21,000 Euros as agreed and payment of the total price minus the deposit, which is 5,000 Euros will be paid for upon arrival of the car.*

    *Registration tax ... nil*

    *Seller holds responsibility of delivering car in full working order as stated by the report given when viewing the car. Sold as tale quale. (as is)*

37. Jirriżulta illi fil-21 ta' Jannar 2016 il-vettura wasslet (fol 294) u fis 26 ta' Jannar 2016 l-intimat ħa l-vettura fir-residenza tar-rikorrent, il-Mellieħa. (fol 301)

38. Jirriżulta illi sussegwentement, fil-11 ta' Frar 2016 (fol 305), Christian Borg beda jilmenta ma' l-intimat dwar varji affarijiet fil-karozza, fosthom l-ispray tal-parti tal-karozza, li l-vettura kellha daqqa fuq wara, li d-dashboard mhux jaħdem, li m'hemmx tieqa waħda taħdem, li magna mhux sewwa, (fol 305), li rubber nieqes, li suspension ma hemmx, li seat sprayati u horn ma jaħdimx." (fol 306)

39. Jirriżulta illi l-intimat irrisponda għal dan billi qal lil Christian Borg is-segwenti:

> *Il-karozza anda żmien taħhha christain anda il wear and tear ta 50 sena jiena kollox li rajt atulek li harabli ofrejtlek namlu jien.*
>
> *Mem xej gravi alija qed tasageraw jien minix nati tort il hadd li qed najdlek ċerti affarijiet bilgors ikollu!!" (fol 310)*

40. Jirriżulta illi sussegwentement fis-27 ta' Frar 2016 saret ispezzjoni fuq il-vettura minn surveyor tar-rikorrenti, Emmanuel Felice, illi għamel varji osservazzjonijiet u wasal għall-konklużjoni illi:

> *In my opinion regarding this inspection this vehicle must go under a series number of professional repairs to be restorated and roadworthy again and that my calculation for the repairs to its original state and itself value would be approximately of over € 7000 parts and repair rates included.*

41. Eventwalment fl-14 ta' April 2016 ir-rikorrenti nedew il-proċeduri odjerni.

42. Ir-rikorrenti jikkontendu wkoll illi kontestwalment ippreżentaw ċedola fejn iddepożitaw tali vettura fil-Qorti u nħatar konsinjatarju, iżda tul il-proċeduri odjerni, fl-ebda stadju ma ġiet ippreżentata u eżebita tali ċedola.

## Difiża

43. Jirriżulta illi l-intimati, fid-difiża tagħhom ippreżentata fl-4 ta' Mejju 2016, qajjmu varji difiżi li huma prinċipalment is-segwenti:

    a. Welcome Auto Dealer Limited ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti.
    b. Il-vettura hija tal-kwalita' pattwita.
    c. Il-vettura nstabet mir-rikorrenti u għalhekk ma sarx bejgħ imma kuntratt sine qua non.
    d. Il-bejgħ ġie konkluż u l-vettura ġiet aċċettata mir-rikorrent u qiegħda fil-pussess tiegħu.

44. Ikun opportun illi kull waħda mid-difiżi tiġi kkunsidrata mill-Qorti.

*Welcome Auto Dealer Limtied mhux leġittimu kontradittur*

45. Jirriżulta illi s-soċjetà Welcome Auto Dealer Limited tikkontendi illi hija ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti peress illi Clint La Rosa nieda proċeduri kontra r-rikorrent personalment quddiem it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar u għalhekk ċertament ma hemm ebda relazzjoni ġuridika.

46. Jirriżulta, madanakollu, illi dana l-argument huwa mxejjen u reż null miż-żewġ ftehim iffirmat mir-rikorrenti, ossija dak tas-7 ta' Awissu 2015 (fol 45) u tat-8 ta' Jannar 2016 (fol 46), fejn fiż-żewġt istanzi, fit-testatura tad-dokument, hemm miktub bi kliem kbar u sottolinjati is-segwenti: WELCOME AUTO DEALER.

47. Jirriżulta illi Clint La Rosa ma jiffigura mkien f'tali dokument.

48. Huwa ċar illi tali ftehim sar ma' Welcome Auto Dealer, u għalhekk huwa ċar illi r-rikorrenti kellhom kull jedd jipproċedu kontra s-soċjetà Welcome Auto Dealer Limited peress illi jirriżulta ċar u bil-miktub illi John Borg għamel ftehim ma' Welcome Auto Dealer.

49. Il-Qorti tosserva illi tali difiża hija waħda kemm superfluwa kif ukoll frivola u qatt ma messha tqajmet, u għalhekk ser tipprovdi għaliha fil-kap tal-ispejjeż.

50. Għalhekk, tali difiża ma treġġix.

*Vettura hija tal-kwalita' pattwita*

51. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu illi l-vettura hija tal-kwalita' pattwita. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti jikkontendu illi l-vettura għandha ħafna difetti kif stabbilit mis-surveyor tagħhom, Emmanuel Felice.

52. Il-Qorti tħoss illi, f'dana l-istadju, għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

    a. Jirriżulta mhux ikkontestat illi kienu r-rikorrenti, partikolarment it-tifel tagħhom, Christian, illi sabu l-vettura illi eventwalment mar jara l-intimat Clint La Rosa u setgħu jaraw il-vettura minn fuq video illi kien hemm fuq is-sit elettroniku tad-ditta Vegas Classic Muscle Cars, tant illi bagħtu l-video lil Clint la Rosa.

    b. Jirriżulta illi, mument minnhom, Christian Borg għamel pressjoni fuq La Rosa sabiex jassikura ruħu li jixtri l-vettura, u dana meta qallu "*Prova titilfux k jogbok ghax Dan vra ogobni peress Li 302*"

    c. Jirriżulta illi meta l-intimat mar jispezzjona l-vettura, huwa għarraf lil Christian Borg illi kien hemm xi difetti żgħar fiż-żebgħa u fis-suspensions u bgħatlu żewġ videos tal-vettura kif kienet, meta l-magna tal-vettura kienet qed taħdem.

d. Jirriżulta illi, wara illi l-Qorti rat il-videos ppreżentati, jista' jiġi konstatat li l-istat tal-vettura *ictu oculi* fil-video huwa kważi l-istess għal dik illi tidher fis-serje ta’ ritratti meħuda mis-surveyor tar-rikorrent u li jidher a fol 67 sa 79 tal-proċess - l-unika differenza illi setgħet tiġi ravviżata huwa illi fil-video tad-ditta Amerikana, jidher illi hemm horn fuq l-isteering Wheel, filwaqt illi kemm fil-video meħud mill-intimat kif ukoll fir-ritratti tas-surveyor, jidher illi tali horn huwa nieqes.

e. Jirriżulta, finalment, illi l-karozza hija vettura tas-sena 1965, u għalhekk il-vettura għandha ħamsa u ħamsin sena (55) fuqha, bir-riżultat illi hija ħaġa naturali li l-vettura kellha, ta’ bilfors, difetti ta’ żmien u ta’ użu. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tkun verament dilettant tal-karozzi, kif jikkontendi r-rikorrent John Borg illi huwa t-tifel tiegħu, meta takkwista vettura antika u tieħu ħsieb li tagħmillha x-xogħolijiet kollha neċessarji sabiex iġġibha lura fl-istat oriġinali tagħha b’ħafna xogħol u investiment – u mhux illi tippretendi li tixtri karozza antika li tkun fi stat perfetta mal-ewwel. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi jidher li l-interess ta’ Christian Borg, ta’ wieħed u għoxrin sena, kien aktar illi jisma’ l-magna taħdem u jisma’ l-ħoss tal-exhaust kif ukoll illi l-karozza jkollha magna 302, ossija V8 ta’ ċilindrata qawwija ħafna. Tant huwa dilettant tal-karozzi, Christian Borg, illi bagħat lill-intimat La Rosa jara u jakkwista vettura tas-sena 1965 għax kellha magna “302”, meta attwalment, kieku kien verament dilettant, kien ikun jaf illi l-ewwel Mustang li ħarġet b’magna ‘302’ ħarġet fis-sena 1968!

f. Jirriżulta, għalhekk, illi għalkemm huwa minnu illi l-vettura għandha varji difetti, kif stabbilit mis-surveyor tar-rikorrenti, uħud mid-difetti kienu ġia’ ġew indikati mill-intimat stess u kien offra illi jirrimedjahom huwa stess u oħrajn huma difetti ta’ vettura tal-età tagħha, li ċertament ma setgħux jiġu faċilment stabbiliti u li huma difetti illi, kull dilettant veru ta’ vetturi huwa dispost illi jaċċetta u jirranġa, għax huwa difetti naturali, riżultat ta’ użu tal-vettura, u li wieħed għandu jipprevedi.

g. Jirriżulta, għalhekk, illi l-vettura kienet attwalment tal-kwalita’ pattwita, stante illi kienet ben viżjonata minn Christian Borg u murija wkoll minn Clint La Rosa, u r-rikorrenti kienu ben a korrent ta’ dak illi kienu qed jixtru.

53. Jirriżulta, għalhekk illi tali difiża mqajjma mill-intimati tistħoqq illi tiġi milqugħa.

54. Il-Qorti, in vista tal-fatt illi tali eċċezzjoni ġiet minnha aċċettata, tħoss illi ma jkunx hemmx bżonn tinoltra ruħha fl-aħħar żewġt eċċezzjonijiet ta’ l-intimati – ossija illi ma kienx bejgħ iżda kuntratt sine qua non, u li r-rikorrenti ingħatalhom pussess tal-vettura.

55. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi, għalkemm ir-rikorrenti jikkontendu illi huma ddepositaw il-vettura fil-Qorti, element neċessarju sabiex tirnexxi l-azzjoni

ta’ rexissjoni tentata mir-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16, qatt ma ġiet ippreżentata ebda prova quddiem dina l-Qorti illi attwalment tali vettura kienet ġiet iddepożitata l-Qorti – għalhekk, għal kull buon fini, jingħad illi r-raba' difiza ta’ l-intimati, kif fuq indikata, tirriżulta ippruvata wkoll, peress illi ma hemm ebda prova a kuntrarju ta’ dak dikjarat mill-intimati.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tiċħad** it-talbiet attriċi kollha kif dedotti.

Spejjeż tal-prożeduri odjerni, a kariku tar-rikorrenti, salv dawk tas-soċjetà Welcome Auto Dealer Limted, illi għandhom jibqgħu a kariku ta’ l-intimat Clint La Rosa.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**